# QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Att ta' Akkuza numru 14/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Brian Godfrey Bartolo**

Illum, 1 ta' Frar, 2021

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tal-Akkuza numru 14/2015 kontra l-akkuzat Brian Godfrey Bartolo li bih huwa gie akkuzat talli :

1. Recidiv f'delitt, irrenda ruhu hati talli fl-4 ta' Lulju 2009 u matul il-jiem, gimghat u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina lil xi persuna jew ghal xi persuna, f'dawn il-

Gzejjer jew x'imkien iehor, jew avza I-imsemmija droga ghall-bejgh, minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga m it-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; u jitlob illi jinghamel skont il-ligi kontra I-imsemmi akkuzat Brian Godfrey Bartolo u li jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi (€2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba u sittin centezmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull feljjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persunahekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u tar-regoli 2, 4(a), 10, 15 u 116 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Recediv f'delitt, irrenda ruhu hati talli nhar l-4 ta' Lulju 2009 u matul il-jiem, gimghat u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer kien fil-pussess xjenti tad-droga perikoluza Kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-

Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli imsemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu eskluzziv tiegħu; u jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Ewro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 4(a), 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Recidiv f'delitt, irrenda ruhu hati talli nhar l-4 ta' Lulju 2009 u matul il-jiem, gimghat u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer huwa pproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha Pubblika u minghar ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita' apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga imsemmija, u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; U ghalhekk jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat, Brian Godfrey Bartolo, u li jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin Euro u seba u tletin centezmi (Eur. 2329.37)izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf erba mija u tmienja u sittin Euro u seba' u sittin centezmi (Eur. 116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta

tal-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)92)(a)(i)(3A)9a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u tar-regoli 2,4(a),10,15 u 16 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [NG 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17,23,23A,23B,23C,31,49,50, 51 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4. Recidiv f'delitt, irrenda ruhu hati talli nhar l-4 ta' Lulju 2009 u matul il-jiem, gimghat u x-xhur ta' qabel din id-data, b'dawn il-Gzejjer kien fil-pussess xjenti tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sashha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu eskluzziv tiegħu u ghalhekk jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkudannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi (Eur. 2329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin centezmi (Eur. 116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuha hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(b)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regolamenti 2,9 u 16 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Inern fuq id-Drogi Perikoluzi [NG 292 tal-1939] , u fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull

piena ohra li tsita' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

5. Recidiv f'delitt, talli nhar l-4 ta' Lulju 2009 u fil-jiem u gimghat precedenti kien fil-pussess xjenti tad-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu; u ghalhekk jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar u mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (Eur. 465.87) izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (Eur. 23,293.73) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sari r-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta kull flejjes jew propjeta mobbli u immobbli ohra tal-persuina hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-regoli 2,9 u 16 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l- 1939) u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tsita' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l- ammissjoni tal-akkuzat fuq kull Kap tal-Att tal-Akkuza kif registrata fl-udjenza tas-6 t'April, 2016 quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-akkuzat;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-atti tirrizulta l-ammissjoni inkondizzjonata tal-akkuzat ghall-kull Kap tal-Att ta' Akkuza liema ammissjoni kienet minnu konfermata wara li l-Qorti, diversament preseduta, akkordatlu zmien biex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

2. Illi ghalhekk, wara li rat l-artikoli 2, 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), u 29 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, ir-regoli 2, 4(a), 10, 15 u 16 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (NG 292 tal-1939) u l-artikoli 17, 18, 49, 50 tal-Kodici Kriminali qed issib lill-akkuzat Brian Godfrey Bartolo hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll li huwa recediv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. Il-Qorti semghet lix-xhieda mressqa mill-akkuzat kif ukoll lill-ufficcjal tal-probation li hejjiet il-*pre sentencing report* dwar l-akkuzat u rat l-istess rapport. Rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-akkuzat biex jixhdu dwar il-progress li rregistra f'hajtu sabiex jirriforma ruhu inkluz il-kwalifiki akkademici li ottjena fil-mori;

4. Ikkunsidrat illi fil-kaz odjern, l-akkuzat kien mixli u ammetta ghal-akkuzi ta' traffikar tad-droga kokajina fl-ammont ta' 287 gramma b'purita' ta' 41.7 percentwali, kif ukoll ghall-akkuza ta' traffikar ta' raza tad-droga cannabis fl-ammont ta' 1829.91 gramma b'purita ta' 8.1 percentwali . Oltre dan huwa hati ukoll ta' pussess tad-droga eroina fl-ammont ta' 0.19 gramma b'purita' ta'

35.2 percentwali. Wara li hadet dan kollu in konsiderazzjoni, inkluz l-ammissjoni quddiem din il-Qorti wara l-qari tal-Att tal-Akkuza, il-fedina penali raffretarju tieghu u tal-progress li ghamel f'hajtu sabiex jirriforma ruhu u qieset ukoll illi ghandu jibbenefika minn tnaqqis ta' zewg gradi fil-piena fit-termini tal-artikolu 29 tal-Kap 101 kif ukoll li huwa recediv dwar liema addebitu tghazel illi fic-cirkostanzi ma taghmel ebda zieda fil-piena;

5. Tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ghall-hames (5) snin oltre ghal-hlas ta' multa ta' ghoxrin elf euro (€20,000);

6. Tordna ukoll lill-hati li jhallas l-ammont ta' €1947.36 inkorsi fil-hatra tal-esperti [konsistenti relazzjoni Mario Mifsud €711.07, relazzjoni PC 1528 €101.32, relazzjoni ta' PC 1253 Brincat €119.89 u relazzjoni ta' Joseph Mallia €1,015.08], u dan fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

7. Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli ohra tieghu;

8. Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tkun prezentata fi zmien hmistax (15) il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jkunu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.